MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 835/2000/1

Kawza fil-lista: 9

**Paul Bugeja**
**Vs**
**Joseph sive Joe Gaffarena**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-konvenut ta appalt lill-attur biex jezegwixxi diversi xogholijiet, konsistenti, fost l-ohrajn, fi tqeghid u ghorik ta’ madum, tibjid u tikhil u xoghol iehor ancillari go fond fi Triq Sant’Elena, Sliema;

Peress illi l-attur ezegwixxa dawn ix-xogholijiet kollha kif inkarigati mill-konvenut;

Peress illi l-konvenut ghad ghandu jhallas lill-attur is-somma bilancjali ta' elf, erba' mija u tmenin lira Maltija (Lm1,480) ghal dan l-appalt, u dan kemm ghax-xoghol innifsu (mano d'opera) u kif ukoll ghall-materjal;

Peress illi ghalkemm gie interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghall-hlas tal-imsemmi somma ta' elf, erba' mija u tmenin lira maltija (Lm1,480), u dan anke permezz ta' ittra ufficjali datata t-8 ta' Novembru, 1999, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti-:

1. tiddikjara illi, ghar-ragunijiet premessi, il-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma ta' elf, erba' mija u tmenin lira Maltija (Lm1,480); u
2. tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' elf, erba' mija u tmenin lira Maltija (Lm1,480).

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata t-8 ta' Novembru, 1999 u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt billi mhux minnu illi l-konvenut ghandu jaghti ebda bilanc lill-attur.

Illi l-prezz tal-appalt kien ghas-somma ta' disa' mitt lira liema somma gja tinsab imhallsa lill-attur u huwa michud kategorikament illi l-appalt qatt seta' kien ghas-somma ta' l-fuq minn elfejn lira.

Illi wkoll kif sejjer jidher fil-kontrotalba prezentata kontestwalment, x-xogholijiet ezegwiti mill-attur ma kienux

skond l-arti u s-sengha, tant hu hekk illi x-xoghol maghmul minn l-attur sejjer ikollu jsir mill-gdid.

Rat il-kontro talba tal-konvenut rikonvenzjonant li permezz taghha ppremetta u talab hekk:

Peress illi l-konvenut kien qabbad lill-attur rikonvenut sabiex jesegwixxi xogholijiet ta’ tikhil u tibjid u tqeghid ta’ madum gewwa kamra tal-banju gewwa fond tieghu fi Triq Sant’ Elena, Sliema.

Peress illi dawn ix-xogholijiet ma sarux skond l-arti u s-sengha billi x-xoghol ta’ tikhil u tibjid tant sar hazin illi rega’ nqala kollu u jehtieg li jsir mill-gdid.

Peress illi l-attur ma jistghax jaghmel uzu minn dan il-fond minhabba l-istat li dana jinsab fih illum u dana minkejja li l-attur rikonvenut thallas sew ghax-xogholijiet li kellhom isiru minnu.

Jghid l-attur rikonvenut ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-attur rikonvenut esegwixxa xogholijiet mhux skond l-arti u s-sengha bil-konsegwenza li kkaguna dannu lill-konvenut.

2. Tillikwida d-danni sofferti minn l-attur permezz ta’ perit nominandi.

3. Tikkundanna l-attur rikonvenut ihallas l-konvenut l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjes kontra l-attur rikonvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur rikonvenzjonat li biha eccepixxa:

1. Preliminarjament, il-konvenut rikonvenzjonant ghandu jipprova t-titolu tieghu fuq il-fond ‘de quo’ fi Triq Sant’Elena, Sliema.

2. Illi, fil-mertu, l-kontro-talbet tal-konvenut rikonvenzjonant huma assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi x-xogholijiet kollha esegwiti fil-fond ‘de quo’ fi Triq Sant’Elena, Sliema fuq inkarigu tal-konvenut rikonvenzjonant sar skond l-arti u s-sengha u bl-uzu ta’ materjal tajjeb u idoneu ghal dan ix-xoghol.

3. Illi l-kontro-talbet tal-konvenut rikonvenzjonant huma assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghar-raguni wkoll illi huwa assolutament inveritjier dak allegat mill-konvenut rikonvenzjonant illi minhabba fl-allegat xoghol hazin daparti tal-eccipjent odjern huwa ma setax jaghmel uzu mill-fond ‘de quo’ u ghalhekk sofra danni.

4. Illi l-kontro-talbet tal-konvenut rikonvenzjonant huma assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghar-raguni wkoll illi huwa assolutament mhuwiex minnu illi l-konvenut rikonvenzjonant hallas lill-eccipjent odjern is-somma ta’ disa’ mitt lira Maltija (Lm900) kif minnu allegat.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju l-AIC Joseph Ellul Vincenti minnu debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Senghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ Lm1,480 bilanc ta’ prezz ta’ xoghol u materjal rizultat ta’ appalt li gie esegwit mill-konvenut fuq inkariku ta’ l-attur fil-fond fi Triq Sant’ Elena Birkirkara.

Illi l-konvenut qed jopponi ghal din it-talba bis-segwenti eccezzjonijiet:

[1] Illi l-prezz ta' l-appalt kien ta' Lm900 liema somma gja tinsab imhallsa, u ghalhekk il-konvenut m' ghandu jaghti xejn lill-attur; u [2] Ix-xoghol esegwit mill-attur ma kienx skond kif titlob is-sengha u l-arti.

Il-konvenut ipprezenta wkoll kontro talba fejn qed jitlob il-hlas tad-danni konsegwenzjali ghax-xoghol hazin li sar mill-attur, li minn naha tieghu rribatta din il-pretensjoni bl-eccezzjoni li x-xoghol ma sarx hazin u li l-konvenut ma garrab ebda danni. Huwa cahad li l-prezz ta' l-appalt kien ta' Lm900, u wkoll talab li l-konvenut ghandu jipprova t-titolu tieghu fuq il-fond de quo.

Illi fir-relazzjoni tieghu l-perit tekniku kkonkluda:

[1] li rigward il-konflitt bejn il-partijiet dwar l-prezz originali ta' l-appalt, "mill-volum ta' xoghol miftiehem u mix-xoghol li s-sottoskritt ra waqt l-access, jidher li l-kumpens ghax-xoghol li sar jidher aktar gust fl-ammont ta' Lm1,400 milli fl-ammont ta' Lm900"[1]

[2] li "fil-maggjoranza tieghu x-xoghol esegwit kien ta' kwalita' medjokra u accettabbli, hlief ghal kisi kemm fis-sular ta' isfer kif ukoll fis-sular ta' fuq."[2]

[3] li sabiex jitranga x-xoghol hazin li sar tehtieg spiza ta' Lm300, li allura ghandha titnaqqas mis-somma pretiza.

Illi l-partijiet strahu fuq ir-rapport tal-perit tekniku li gie eskuss fl-udjenza tad-9 ta' Novembru 2004.

Illi fid-dawl tal-premess huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[A] Illi rigward il-prezz ta' l-appalt il-Qorti hija tal-fehma li fuq bazi ta' verosimiljanza ghandha taccetta l-versjoni ta'

---

[1] Fol.66
[2] Ibid

l-attur u mhux tal-konvneut, kif ukoll li minn dan l-ammont ghad fadal il-bilanc pretiz mill-attur. Jigi osservat li, nonostante li l-konvenut sostna li huwa kien ghamel xi pagamenti, ma ngiebu ebda prova f' dawn ir-rigward ghajr id-dikjarazzjoni guramentata tieghu;

[B] Illi rrizulta sodisfacentement provat li x-xoghol li sar mill-attur, ghalkemm f' livell ta' medjokrita', kien ta' kwalita' accettabbli, hlief ghal certu partiti ndikati mill-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu u li jinvolvu spiza ta' Lm300 li gustament ghandha titnaqqas mill-ammont pretiz;

[C] Illi ghalkemm fil-kontro talba tieghu l-konvenut talab il-hlas tad-danni ghall-hsara konsegwenzjali minnu allegatament sofferta, huwa ma ressaqx provi f' dan ir-rigward;

[D] Illi inoltre stante li l-azzjoni odjerna hija wahda ghall-hlas ta' somma dovuta rizultat ta' ftehim ta' appalt, kif ukoll tenut kont tal-fatt li l-konvenut ma gab ebda prova sodisfacenti li huwa sofra xi danni konsegwenzjali ghall-allegat non uzu da parti tieghu tal-fond de quo, l-ewwel eccezzjoni tal-attur rikonvenzjonat titlef ir-relevanza taghha; inoltre l-attur ma nsistiex fuq din il-prova.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi akkolta fl-ammont ta' Lm1,180 rapprezentanti l-ammont ta' Lm1,480 nieqes l-ammont ta' Lm300 kif suggerit mill-perit tekniku.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa l-addozzjoni fl-intier tieghu tar-rapport tal-perit tekniku, tirrespingi in parte l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' elf mija u tmenin lira maltin Lm1,180 u tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur din is-somma ta' Lm1,189 flimkien mal-imghax legali kif mitlub; bl-ispejjez jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti minnhom [3/4] mill-konvenut, u r-rimanenti kwart [1/4] jibqa' a kariku ta' l-attur;

Tiddecidi dwar il-kontro talba billi tichad it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant, bl-ispejjez kollha a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------